**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Jannar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 609/2013 AF**

**Mohammed Abdualla Zbeida (Passaport Libjan Nru 222111) u skond il-verbal datat 28 ta' Jannar 2014, in-numru tal-passaport tar-rikorrenti, wara bidla tal-istess passaport, illum huwa 578078;**

**u fil-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju 2015 il-Qorti laqghet it-talba u ordnat biex Joseph Ciantar jigi appuntat mandatarju specjali tar-rikorrenti odjern**

**vs**

**Paul Hili**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Mohammed Abdualla Zbeida li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-konvenut f'Jannar tal-2012 talab lir-rikorrent sabiex jisilfu l-ammont ta' mitejn elf Ewro (€200,000).

Il-konvenut wieghed lir-rikorrent li jhallas lura s-somma intiera ta' mitejn elf Ewro (€200,000) mislufa lilu mir-rikorrent fi zmien xahar mid-data tat-trasferiment (Ara Dok. "A" anness).

Ir-rikorrent ittrasferixxa s-somma ta' mitejn elf Ewro (€200,000) tramite terza persuna, senjatament Hussein Mihamed Elosta, permezz ta' trasferiment bankarju mill-Alubaf International Bank, f'Tunis, a favur ta' certu Charles Monney f'kont bankarju ma' Commerzbank AG, fi Frankfurt, fit-2 ta' Frar, 2012 liema kont kien gie indikat lilu mill-konvenut (Ara Dok. "B" anness).

Il-konvenut irrikonoxxa l-pjacir li kien ghamillu r-rikorrent permezz ta' e-mail li l-konvenut baghat lir-rikorrent fit-28 ta' Jannar 2012, fejn qal lir-rikorrent li kien japprezza dak li kien ghamel mieghu r-rikorrent u li ma kienx jaf kif kien ser jirringrazzjah (Ara Dok. "C" anness).

Minkejja li ghadda z-zmien ta' xahar miftiehem sabiex jithallas lura dan id-debitu ta' mitejn elf Ewro (€200,000), il-konvenut baqa' inadempjenti.

Ir-rikorrent interpella diversi drabi lill-konvenut sabiex dan jittrasferixxi l-ammont ta' mitejn elf Ewro (€200,000) kif kien miftiehem u dan permezz ta' diversi e-mails u telefonati li saru mir-rikorrent lill-konvenut (Ara Dok. "D" u "E" annessi).

Il-konvenut qatt ma nnega li l-ammont hu cert, likwidu u dovut, tant illi permezz ta' cekk bankarju bin-numru 1077 bid-data 14 ta' Mejju 2013 skonta l-ammont ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000) mill-bilanc ta' mitejn elf Ewro (€200,000).

Ir-rikorrent permezz ta' ittra bonarja datata 22 ta' Mejju 2013, mill-avukat di fiducja tieghu Dr. Robert Galea, interpella lill-konvenut sabiex ihallas il-bilanc ta' mija u hamsa u tmenin elf Ewro (€185,000) sas-27 ta' Mejju 2013, liema ittra baqghet minghajr risposta (Ara Dok. "G" anness).

Dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrent, il-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq ghall-hlas ta' dan id-debitu.

Ghalhekk ir-rikorrent kellu jintavola dawn il-proceduri.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas il-bilanc ta' mija u hamsa u tmenin elf Ewro (€185,000) rapprezentanti bilanc dovut lir-rikorrent bhala hlas ta' debitu u liema ammont gie ricevut mis-sekwestrat, bl-imghax mid-data ta' meta dan l-ammont sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 865/2013, bl-imghax mid-data tat-3 ta' Marzu 2012 sad-data tal-hlas effettiv, li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur li tgħid hekk:

Il-konvenut f'Jannar tal-2012 talab lir-rikorrent sabiex jisilfu l-ammont ta' mitejn elf Ewro (€200,000).

Il-konvenut wieghed lir-rikorrent li jhallas lura s-somma intiera ta' mitejn elf Ewro (€200,000) mislufa lilu mir-rikorrent fi zmien xahar mid-data tat-trasferiment (Ara Dok. "A" anness).

Ir-rikorrent ittrasferixxa s-somma ta' mitejn elf Ewro (€200,000) tramite terza persuna, senjatament Hussein Mihamed Elosta, permezz ta' trasferiment bankarju mill-Alubaf International Bank, f'Tunis, a favur ta' certu Charles Monney f'kont bankarju ma' Commerzbank AG, fi Frankfurt, fit-2 ta' Frar, 2012 liema kont kien gie indikat lilu mill-konvenut (Ara Dok. "B" anness).

Il-konvenut irrikonoxxa l-pjacir li kien ghamillu r-rikorrent permezz ta' e-mail li l-konvenut baghat lir-rikorrent fit-28 ta' Jannar 2012, fejn qal lir-rikorrent li kien japprezza dak li kien ghamel mieghu r-rikorrent u li ma kienx jaf kif kien ser jirringrazzjah (Ara Dok. "C" anness).

Minkejja li ghadda z-zmien ta' xahar miftiehem sabiex jithallas lura dan id-debitu ta' mitejn elf Ewro (€200,000), il-konvenut baqa' inadempjenti.

Ir-rikorrent interpella diversi drabi lill-konvenut sabiex dan jittrasferixxi l-ammont ta' mitejn elf Ewro (€200,000) kif kien miftiehem u dan permezz ta' diversi e-mails u telefonati li saru mir-rikorrent lill-konvenut (Ara Dok. "D" u "E" annessi).

Il-konvenut qatt ma nnega li l-ammont hu cert, likwidu u dovut, tant illi permezz ta' cekk bankarju bin-numru 1077 bid-data 14 ta' Mejju 2013 skonta l-ammont ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000) mill-bilanc ta' mitejn elf Ewro (€200,000).

Ir-rikorrent permezz ta' ittra bonarja datata 22 ta' Mejju 2013, mill-avukat di fiducja tieghu Dr. Robert Galea, interpella lill-konvenut sabiex ihallas il-bilanc ta' mija u hamsa u tmenin elf Ewro (€185,000) sas-27 ta' Mejju 2013, liema ittra baqghet minghajr risposta (Ara Dok. "G" anness).

Dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrent, il-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq ghall-hlas ta' dan id-debitu.

Ghalhekk ir-rikorrent kellu jintavola dawn il-proceduri.

Id-dikjarant jaf dawn il-fatti personalment.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għall-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2013 u peress li l-Qorti qieset illi l-konvenut kellu eċċezzjonijiet xi jressaq, ingħata għoxrin jum żmien sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu għar-rikors tal-attur.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Paul Hili li permezz tagħha eċċepixxa illi:

L-attur huwa persuna assenti minn Malta u kwindi jehtieg li jigi appuntat mandatarju specjali sabiex jirrapprezentah u sabiex

jaghmel ukoll tajjeb ghall-ispejjez. Alternattivament l-attur irid ihalli garanzija ghall-ispejjez.

Ma hux minnu li sar self direttament lill-konvenut. Fil-fatt mid-dokumentazzjoni esebita imkien ma jirrizulta dak li qed jallega l-attur – li jirrizulta huwa li certu Hussein Mihamed Elosta ghan-nom ta' Mountain Sons General Trading qed jghid li rcieva cekk minghand l-attur li talbu li jittrasferixxi €200,000 lil certu Charles Monney fl-Isvizzera.

In sussidju u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke li kellu jirrizulta li l-attur obbliga ruhu li jhallas lura l-flus avvanzati lil Charles Monney, qatt ma gie stabbilit xi zmien biex dan jitwettaq u l-esekuzzjoni ta' din l-obligazzjoni semma kienet thalliet ghal meta l-konvenut seta' jwettaqha, u kwindi ai termini tal-artikolu 1078 tal-Kap. 16, tali obligazzjoni semma tigi fis-sehh entro sentejn jekk l-ammont huwa dovut bla imghaxijiet u entro 6 snin jekk l-ammont hu dovut bl-imghaxijiet. In vista li fit-talba hemm talba ghall-imghax mid-data tal-allegat self, l-ammont semmai jista' jintalab biss entro sitt snin, i.e. mhux qabel it-3 ta' Marzu 2018.

B'hekk it-talba hija intempestiva u l-attur irid ibati l-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tal-attur li permezz tagħha rriduċa t-talba tiegħu għall-ammont ta' mija u ħamsa u tletin elf Ewro (€135,000) u dan wara pagament parzjali magħmul fil-mori tal-kawża.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Ġunju 2015 din il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur u ordnat li l-atti kollha tal-kawża jirriflettu l-isem tal-mandatarju Joseph Ciantar bħala mandatarju tal-attur.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' €135,000 rappreżentanti bilanċ dovut lill-attur mill-ammont oriġinali ta' €200,000 li l-attur kien silef lill-konvenut fil-bidu ta' Frar tas-sena 2012. Il-konvenut eċċepixxa preliminarjament li għandu jinħatar mandatarju speċjali sabiex jirrappreżenta lill-attur stante li huwa assenti minn Malta. Jirriżulta li din l-eċċezzjoni hija eżawrita in kwantu li fl-udjenza tat-18 ta' Ġunju 2015 din il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur u ordnat li l-atti kollha tal-kawża jirriflettu l-isem tal-mandatarju Joseph Ciantar bħala mandatarju tal-attur. Għaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tikkunsidra ulterjorment din l-eċċezzjoni tal-konvenut.

Fil-mertu l-konvenut eċċepixxa biss illi mhuwiex minnu li s-self sar direttament mill-attur lill-konvenut in kwantu li rriżulta li kien ċertu Hussein Mihamed Elosta li ħallas l-ammont ta' €200,000 lill-ċertu Charles Monney kif ukoll illi fi kwalunkwe każ, peress illi ma ġie stabbilit ebda żmien sabiex jitwettaq l-eżekuzzjoni ta' din l-obbligazzjoni l-ammont għandu jitħallas fi żmien 6 snin peress illi fir-rikors promotur l-attur għamel talba għal imgħax mid-data tal-allegat self.

Minkejja li l-konvenut permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu fil-mertu donnu qiegħed jippretendi li l-ammont mhuwiex dovut għaliex is-self in kwistjoni ma sarx mill-attur u ma tħallasx lilu direttament, mill-provi prodotti jirriżulta ċar u anke ammess mill-konvenut stess illi l-attur kien silef l-ammont ta' €200,000 lill-konvenut. Biżżejjed li wieħed iħares lejn is-sensiela ta' skambju ta' *e-mails* eżebiti mill-attur u kkonfermati mill-konvenut fejn il-konvenut irringrazzja lill-attur talli kien għamillu pjaċir u sellfu dawn il-flus, kif ukoll wegħdu diversi drabi li ser iħallsu lura fiż-żmien qasir. Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-iskrittura li saret bejn il-partijiet fil-mori tal-proċeduri datata 15 ta' Marzu 2015 u esibita mill-attur fejn il-konvenut kkonferma li huwa debitur tal-attur fl-ammont ta' €135,000 rappreżentanti l-bilanċ rimanenti dovut mis-somma ta' €200,000 li huma l-mertu tal-kawża odjerna. F'din l-iskrittura l-attur iddikjara wkoll illi '*sum was transferred to me*

*on the second (2nd) February 2012 and was to be repaid within one (1) month.'*

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax id-dubbji taghha dwar ta' kemm kien etiku l-agir tad-difensur tal-attur meta, fil-mori tal-proceduri, nnegozja l-iffirmar ta' skrittura minn wara dahar id-difensur tal-kontro-parti konvenut.

In kontro eżami l-konvenut jgħid illi huwa ffirma din l-iskrittura taħt pressjoni sabiex l-attur ma jkomplix jitlob il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji kontra tiegħu. Iżda l-Qorti tqis illi kemm fl-affidavit tiegħu u kemm in kontro eżami l-konvenut jikkonferma li l-ammont huwa dovut lill-attur. Jirriżulta li l-konvenut qiegħed jikkontesta biss il-fatt illi skont l-attur il-ftehim kien li l-ammont kellu jitħallas fi żmien xahar minn meta sar is-self u dan għaliex il-konvenut jgħid illi l-attur kien ħalla f'idejh meta għandu jħallsu lura.

Il-Qorti kkunsidrat illi l-konvenut fir-risposta tiegħu jagħmel riferenza għal dak li jgħid artikolu 1078 tal-Kodiċi Ċivili u ċioè:

> *"Jekk iż-żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun ġie mħolli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun ġie miftiehem illi d-debitur għandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:*
>
> *(a) jekk l-obbligazzjoni għandha bħala oġġett tagħha l- ħlas ta' somma ta' flus, dik għandha tiġi esegwita fi żmien sentejn, jekk din is-somma għandha tingħata mingħajr imgħax, jew, fi żmien sitt snin jekk is-somma għandha tingħata bl-imgħax;*
>
> *(b) jekk l-obbligazzjoni jkollha bħala oġġett tagħha xi ħaġ'oħra li ma tkunx somma ta' flus, iż-żmien li fih għandha tiġi esegwita l-obbligazzjoni jiġi stabbilit mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi."*

Il-Qorti tibda billi tirrileva li assolutament ma taqbilx mal-argument tal-konvenut meta fir-risposta tiegħu jgħid li in kwantu li l-attur qiegħed jitlob l-imgħax fuq is-somma dovuta,

il-bilanċ kellu jitħallas fi żmien 6 snin skont l-artikolu 1078 imsemmi. Ħadd mill-partijiet ma xehed li ġie miftihem li s-somma kellha tingħata lura bl-imgħax. L-attur qiegħed sempliċiment jitlob l-imgħax skont id-disposizzjonijiet tal-liġi ċivili in ġenerali għaliex il-konvenut naqas fl-obbligu tiegħu li jħallas lura l-ammont kollu misluf lilu. Fil-fatt in kontro eżami l-konvenut jikkonferma li ma kien hemm ebda ftehim dwar xi mgħax.

Għar-rigward ta' dak li jgħid il-konvenut illi ma huwa veru xejn li l-partijiet ftehmu li l-bilanċ kellu jitħallas fi żmien xahar, il-Qorti tagħmel riferenza għall-iskrittura ffirmata mill-konvenut stess fejn huwa ddikjara ċar u tond illi kien ġie miftihem bejn il-partijiet li l-bilanċ kellu jitħallas fi żmien xahar. Il-konvenut jgħid illi huwa ffirma din l-iskrittura għaliex l-attur beda jheddu li ser jitlob il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji fil-konfront tiegħu iżda fil-fehma tal-Qorti dan ma kellux iwasslu jaghmel dikjarazzjoni inveritjiera. Il-Qorti tifhem li l-konvenut seta' kien taht pressjoni biex jiffirma izda kieku l-kontenut tal-iskrittura ma kienx jirrispjekkja l-verità, kellu kull okkazzjoni jitlob it-thassir tal-istess skrittura.

B'żieda ma dan, il-Qorti kkunsidrat illi fl-iskambju ta' *e-mails* li ntbaghtu mill-partijiet bejn Ġunju u Awissu tas-sena 2012, liema *e-mails* il-konvenut jikkonferma l-awtentiċita tagħhom, jirriżulta li l-konvenut dejjem kien jirrispondi lill-attur fis-sens illi huwa jaf li l-ammont huwa dovut u li qiegħed jagħmel ħiltu biex iħallsu lura. Fil-fatt in kontro eżami, il-konvenut jikkonferma b'riferenza għall-*e-mail* tiegħu datata 28 ta' Lulju 2012 fejn huwa wieġeb lill-attur '*you are perfectly right*' huwa kien qiegħed jirrferi għall-fatt illi l-flus kienu dovuti. Fl-istess sensiela ta' e-mails l-attur stess ifakkar lill-konvenut illi l-flus in kwistjoni kellhom jitħallsu lura fi żmien xahar minn meta sar is-self. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ssib li hija aktar verosimili l-verżjoni tal-attur u ċioe li l-ammont misluf kellu jitħallas lura lilu mill-konvenut fi żmien xahar minn meta l-attur ħareġ il-flus.

Fi kwalunkwe każ, jirriżulta li llum definittivament skada t-terminu għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni u d-dritt tal-attur li jeżiġi l-ħlas immatura fil-mori tal-kawża u dan għaliex għaddew

is-sentejn msemmija f'artikolu 1078 fir-rigward ta' obligazzjoni ta' ħlas ta' somma flus fejn ma jkunx ġie miftihem li ser jitħallas imgħax. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Carmelo Cilia et vs Jonathan Briffa, deċiża fis-17 ta' Mejju 2006:

> "*iżda jkun inutili u jwassal biss għal spejjeż żejda lill-partijiet li l-Qorti tiddikjara li ċ-ċitazzjoni intempestiva u tiċħadha biex terġa tiġi istitwita kawża ġdida li hekk jew b'hekk sejjer iwassal għall-pronunzjament li ormai l-ammont huwa dovut.*"

Għar-rigward tal-imgħaxijiet, l-attur qiegħed jitlob li dawn jiġu kkalkulati mit-3 ta' Marzu 2012 u ċioè mid-data li skont hu l-ammont misluf kellu jitħallas lura. Ma jirriżultax però, li s-self sar in konnessjoni ma' xi negozju li kellu l-konvenut u kwindi ma jistax jingħad li l-imgħax kellu jiddekorri *ipso jure*. Lanqas ma tirriżulta li saret interpellazzjoni uffiċjali kif trid il-liġi f'każ ta' debitu ċivili. Għalhekk, l-imgħaxijiet iridu jiddekorru mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi billi tastjeni milli tipprovdi dwar l-ewwel talba tal-attur u tilqa' t-tieni talba attriċi billi tikundanna lill-konvenut iħallas lill-attur il-bilanċ ta' mija u ħamsa u tletin elf Ewro (€135,000) b'imgħax mill-24 ta' Ġunju 2013 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kif mitluba.

IMHALLEF

DEP/REG